MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2014

Numru. 266/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Darren Borg**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Darren Borg ta' 29 sena, imwieled Pieta` fit-22 ta' Lulju 1982, iben Carmelo u Rita nee` Chircop, residenti Blokk X, Flat 5, Triq il-Gnien, Qormi u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 488482M;

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-27 ta' Marzu 2012 u fis-sena ta' qabel din id-data:

a) Produca, biegh jew xort'ohra traffika r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-

importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) U aktar talli b'hekk irrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' April 2013, l-imputat irregistra ammissjoni fir-rigward tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u cioe` imputazzjonijiet (c) u (d) fic-*charge sheet* odjerna u rat ukoll illi fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2012, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, inkluz ghalhekk l-imputazzjonijiet (a) u (b) u l-addebitu tar-recidiva (e), liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjonijiet kollha kif migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni, l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt li kkopera bis-shih mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta wkoll mill-istqarrija tal-imputat u mill-fatt illi huwa anke kkonferma l-istess stqarrija bil-gurament tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti, tant illi fis-seduti tad-19 ta' April 2013 u tal-21 ta' Jannar 2014, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara wkoll illi l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-istess Kap. 101 fl-intier tieghu u dan billi naqqset il-piena ta' prigunerija applikabbli b'zewg gradi u l-piena pekunjarja b'nofs.

Il-Qorti qieset ukoll min-naha l-ohra l-fedina penali tal-imputat, liema fedina penali tinkludi sejbien ta' htija dwar reati konnessi mad-droga f'erba' okkazzjonijiet ohrajn, tlieta minnhom dwar pussess illegali ta' droga u wahda *inter alia* dwar traffikar ta' droga eroina, fir-rigward ta' liema l-imputat gie kkundannat ghal sena prigunerija.

Qieset ukoll illi mill-istqarrija tal-imputat[1], jirrizulta illi fil-pussess tal-imputat nhar is-27 ta' Marzu 2012, instabu zewg pakketti bl-eroina li huwa kien xtrahom bil-prezz ta' Eur 10 il-wiehed u bicca *cannabis* resin li kien ghadu kif xtraha bil-prezz ta' Eur 20. Dawn kienu intizi ghalih u ghal habib tieghu. Mill-istess stqarrija, jirrizulta wkoll illi minn xi xahrejn qabel, l-imputat beda jghin lill-shabu jakkwistaw id-droga, billi jindikalhom il-persuna minghand min setghu jinqdew u dan tal-ahhar, imbaghad, gieli kien jaghtih xi haga tad-droga talli l-imputat kien jehodlu n-nies.

Il-Qorti qieset ukoll is-*Social Inquiry Report* redatt fir-rigward tal-imputat u pprezentat mill-Ufficjal tal-*Probation* fil-31 ta' Ottubru 2013 u s-sitwazzjoni pjetuza li sab ruhu fiha l-imputat. Biss il-vizzju tad-droga ma jistax jigi meqjus bhala xi forma ta' attenwant ghal min iforni d-droga huwa stess sabiex isostni l-vizzju tieghu. Il-Qorti tittama illi l-imputat, li wera bic-car illi jaf li mess il-qiegh u li jaf li din m'hijiex il-hajja li jixtieq ghalih, apparti l-kumplikazzjonijiet kollha

[1] A fol. 12 sa 14 tal-process.

medici li ghadda minnhom b'rizultat tal-vizzju akut li huwa kellu, ikompli jfittex l-ghajnuna u jibqa' sod fl-isforzi tieghu sabiex johrog mill-vizzju u jibni hajja ohra l-boghod mid-droga, anke bl-ghajnuna tal-genituri tieghu li jidhru illi baqghu dejjem isegwuh minkejja li l-isforzi tieghu kemm il-darba sfaw fix-xejn. Qieset ukoll is-suggeriment tad-difiza dwar il-piena li ghandha tigi mposta.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti applikat ukoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet, kif ukoll l-Artikolu 17(f) tal-istess Kap. 9 fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra l-imputat. Fir-rigward tal-imputazzjonijiet (c) u (d), il-Qorti mhijiex qeghda tapplika piena ta' prigunerija effettiva, izda piena ta' multa.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(a), 8(b), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 17(b), 17(f), 31, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta' **tminn (8) xhur prigunerija** u **multa ta' disa' mitt Euro (€900)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100). L-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, Dokument MB2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-

procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska tal-*mobile phone* esebit fl-atti bhala parti minn Dokument MB2 u dan ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In oltre il-Qorti tirrileva u tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs dwar il-fatt illi huwa ferm importanti illi l-hati jinghata l-kura u l-ghajnuna kollha necessarja sabiex ikompli fit-triq tar-rijabilitazzjoni tieghu mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti qed tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------